MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru. 20/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
vs

**JOSEPH PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH PORTELLI** ta' tlieta w hamsin sena bin Sviour u Mary nee Portelli, imwieled Nadur, Ghawdex nhar l-hamsa ta' Awissu 1949 u residenti 64, Triq l-Knisja, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 66849G, gie mressaq quddiemha akkuzata talli f'diversi okkazzjonijiet izda in esekuzzjoni ta' hsieb wiehed fiz-zmien bejn it-tnax ta' Settembru 2002 u l-ewwel ta' Jannar 2003, voluntajrament hassar, ghamel hsara fil-proprjeta ta' Paul Portelli billi f'zewg okkazzjonijiet separati harat wicc r-raba li l-imsemmi Paul Portelli kellu f'bicca

raba maghrufa 'Tal Bitha', fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin ira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi hwn fuq imsemmija minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lil Paul Portelli minn Nadur fil-pussess tal-imsemmija bicca raba maghrufa 'Tal Bitha', fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, f'zewg okkazzjonijiet separati dahal fl-istess raba I harat l-prodott li l-imsemmi Paul Portelli kellu f'din r-raba.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra l-piena applikabbli, l-imputat jigi ordnat li ma jimmolestax lil imsemmi Paul Portelli fil-pussess ta' hwejjgu.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha ta' Lulju 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar d-disgha ta' Ottubru 2003 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a fol 9 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' Frar 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2003 **xehed Paul Portelli** [fol 15] fejn qal li huwa ilu jahdem bicca raba n-Nadur sa mis-sena 1984 u dan bil-kunsens ta' ommu.  Ikkonferma li huwa kien ircieva ittra ufficjali datata tnax ta' Settembru 2002 eibita a fol 17 tal-atti markata bhala dokument CSH 3, minghand huh Joseph Portelli f'ismu u f'isem hutu bniet li huma msiefrin.  Ix-xhud spjiega li r-raba in kwistjoni ghadha m'inqasmitx u ghalhekk ghadha proprjeta tal-ahwa kollha.

Illi minn ezami tal-ittra mibghuta lix-xhud Paul Portelli markata bhala dokument CSH 4, jirrizulta li Joseph Portelli l-imputat f'din il-kawza, qed jirrikonoxxi l-fatt li x-xhud qed jahdem l-art tant li talbu biex jersaq biex jiftiehem mieghu kif ghandha ssir il-qasma tal-proprjeta u fil-fatt jghid hekk "kull wiehed minna ikun jista jahdem bla tfixkil bicca raba mill-istess raba." Dan x-xhud kien wiegbu li huwa gia kellu l-pussess tal-ghalqa u ilu hekk mis-sena 1984 u nnega li l-imputat kellu fil-pussess tieghu parti minn din r-raba in dezamina. Ix-xhud kompla jispjiega li l-imputat darba minnhom dahal u harat madwar tomna raba ta' din l-istess art li kien zergha. Meta ra hekk, ix-xhud rega' zergha l-art u l-imputat ghal darb'ohra, rega' harat l-art u bhala rizultat sofra danni fl-ammont ta' disghin lira maltin

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2003 **xehdet Jeanette Portelli** [fol 20] li tigi n-neputija tal-imputat u bint ix-xhud precedenti Paul Portelli. Din x-xhud ikkonfermat li hija takkumpanja lil missierha fl-ghalqa maghrufa bhala 'Tal Bitha', fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex u dan sa mis-sena 1984 u cioe minn mindu kellha ghaxar snin. Ikkonfermat wkoll li kienu zerghu l-art u fil-hmistax jew sittax ta' Dicembru 2003, kienu sabu z-zergha maqlugha u r-raba mahruta. Qalet li missierha Paul Portelli kien mar jaghmel rapport dwar dan u kien rega' zergha l-art.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2003 **xehdet Rita Portelli** [fol 22] li tigi oht l-imputat u l-kwerelant Paul Portelli. Din x-xhud ikkonfermat li ommha kellha ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Bitha' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, u kienet thalli lil binha Paul Portelli jahdem dan r-raba. Ikkonfermat wkoll li kien ilu jahdem din r-raba sa mis-sena 1984. Mistoqsija jekk hutha l-ohra kellhomx x'jaqsmu ma din l-art, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Qalet li huha Paul kien kull sena jizra z-zergha u fis-sittax ta' Dicembru 2002 bicca minn din r-raba kienet giet mahruta. Taf li wara xi zmien huha Paul rega' zerghaha u ftit wara regghet giet mahrut.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003, **xehed Victor Scerri** [fol 24] fejn ikkonferma li huwa ghamel xi zmien jahdem fir-raba ta' Paul Portelli billi kien wasal fi ftehim mieghu sabiex jserrhu r-raba, huwa jahdem l-art ta' Paul billi jizra d-dulliegh u Paul jahdem tieghu u jizra z-zergha u dan fis-sena 2001. Waqt li kien qed jahdem din l-art jiftakar li l-imputat kien mar fuqu u qalu li kellu sehem minn dik l-art u li kien lest li jkissirlu kull ma kien hemm. Huwa bezgha minnu u wasal fi ftehim mieghu li meta jlesti mis-sena ta' koncessjoni li kien tah Paul Portelli, huwa kien lest li jghaddihielu. Mistoqsi lil min kien jara jahdem l-art ix-xhud wiegeb li kien <u>jara dejjem lil Paul Portelli</u> pero kien wasal fi ftehim mal-imputat ghaliex bezgha minnu meta heddu [fol 27].

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2004 **l-imputat ghazel li jixhed** [fol 34] fejn spjiega li l-art meritu ta' din l-kawza ghadha mhux diviza bejn l-ahwa ghalkemm il-genituri tieghu kienu mietu, missieru fis-sena 1983 u ommu fis-sena 1990. Spjiega li meta mietet ommu hu kien jahdem sitt itmiem u huh Paul kien jahdem tlieta. Qal li mbaghad fis-sena 1991 jew 1992, Paul beda jahdimha kollha hu, ghalkemm kien imur go kamra li tinsab f'din l-ghalqa. Spiega li fis-sena 2002, huh kien partat din l-art ma certu Victor Scerri. Ikkonferma li fil-wicc tal-ghalqa Victor Scerri kien zergha d-dulliegh. Huwa kien ha lil dan Victor Scerri ghand l-avukat tieghu u ftiehem mieghu li meta jkun ser jaghti l-art lura lil Paul, kellu jaghtiha lilu. Fil-fatt dan hekk ghamel u huwa mar u tefa' d-demel fl-ghalqa. Wara sab li xi hadd kien haratlu d-demel u mar jghamel rapport l-Ghassa.

Illi nhar l-hdax ta' Marzu 2004 **xehed PS 187 Mario Cassar** [fol 49] fejn ikkonferma li Joseph Portelli kien ghamillu rapport dwar li huh Paul Portelli kien haratlu l-art. Izda meta ix-xhud mar tkellem ma Paul Portelli dan kien stqarr mieghu li hu kien ilu jahdem l-art in kwistjoni sa mis-sena 1984.

Illi nhar t-tletin ta' Settembru 2004 **xehed PS 369 Joseph Mizzi** [fol 59] fejn ikkonferma wkoll li Paul Portelli kien ikkonferma mieghu li hu kien ilu jahdem r-raba in kwistjoni sa mis-sena 1984.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuza principali moghtija fil-konfront tal-imputat hija dik ta' raggion fattasi.

L-ispirtu wara dan r-reat huwa dak ta' disprezz lejn il-proceduri tal-Qorti. Il-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghija nhar t-tnejn w ghoxrin ta' April 1961***, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Antonia Cremona**, qalet li:

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' "raggion fattasi", hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dik tat-tribunal, meta jista jirrikorri lejhom. Hiex gusta jew le l-pretenzjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh, jezercita dawk d-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."*

L-elementi ta' dan r-reat gew ben spjiegati f'diversi sentenzi tal-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fosthom dik ***tal-ghoxrin ta' Lulju 1950*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Giovann Schembri**, dik ***tal-erbatax ta' Dicembru 1957*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Salvu Farrugia**, u dik ***tad-disgha w ghoxrin ta' Lulju 1976*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Bonnici** indikaw l-element bhala is-segwenti:

a. Att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qed igawdi, u li jkun ezegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta ta' dan l-haddiehor;

b. Il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju tad-dritt - ghalhekk r-reat jissejjah l-ezercizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet jew aktar komunement u grafikament raggion fattasi;
c. Il-kuxjenza fl-agent li hu qed jaghmel di privato braccio dak li jmissu isir permezz ta' l-awtorita pubblika;
d. In-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.

Ma hemmx dubbju li fil-mument li fih saret dan r-reat, l-imputat ma kellux il-pussess li hawn tesigi l-ligi. Dan ghaliex kif gie sufficjentement ippruvat, il-pussess tar-raba in kwistjoni ilu ghal zmien twil f'idejn il-kwerelanti Paul Portelli. Il-fatt li l-imputat qabad u harat l-art li kienet f'idejn Paul Portelli, ghamel att ta' spoll fil-konfront tieghu. L-imputat bl-agir tieghu ma kienx qed jhalli lil Paul Portelli jgawdi l-proprjeta li kienet f'idejh.

L-imputat sostna li b'dak li ghamel Paul Portelli u cioe li harat l-art meta kien hemm z-zergha tieghu, ghamel att ta' spoll hu u kien hu li kkommetta r-reat ta' raggion fattasi ghaliex fil-fehma tieghu, la l-imputat huwa wkoll sid tar-raba, ghandu dritt jahdem wkoll fih.

Il-**Carrara** fil-ktieb tieghu ***Programma Parte Speciale - Vol 5 - para 2851)*** jelabora fuq dan il-principju u jghid:

*"Dunque <u>non puo essere raggion fattasi l'azione mia con le quale mi mantenga in quel godimento</u>. "*
L-awtur Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale - parte speciale II*** - pg. 531 - 532 - jghid:

*"Non commetta reato colui che ha agitato nella necessita di difendere il proprio posesso anziche col proposito di turbare l'altrui la massima 'vim vi ripellere lecit' non e soltanto applicabile alla ripresa dell'affare personali, esso si estende a qualunque repulso di ingiusto attacco alla proprieta, quando la difesa si esercita entro limiti del moderamo."*

Illi ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti l-imputat qabad u ghamel tieghu dak li ma kienx billi agixxa kontra l-opposizzjoni espressa ta' Paul Portelli meta huwa kien jaf li ma kellux titolu ghaliex fil-fatt kien hu stess li ppresenta kawza quddiem il-Qorti Superjuri t'Ghawdex kontra Paul Portelli [fol 40] sabiex il-Qorti takkorda porzjon raba mill-wirt indiviz tar-raba maghruf bhala 'Tal-Bitha' **sabiex b'hekk ikun jista jokkupha u jahdimha sakemm issir d-divizjoni definittiva**.

In vista tas-suespost, ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuza ta' raggion fattasi tirrizulta ppruvata fil-konfront tal-imputat.

Dwar l-akkuza l-ohra ta' hsara voluntarja f'ammont li jeccedi l-hamsin lira maltin, din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda li ta Paul Portelli u appuntu ghal dik il-parti fejn sostna li d-danni sofferti minnu kienu jammonta ghal disghin lira maltin, rappresentanti l-valur taz-zergha tal-wicc tal-ghalqa f'zewg okkazzjonijiet. Illi l-imputat fl-ebda hin ma kkontesta dawn l-ispejjes bhala li kienu eccessivi jew inveritieri u ghalhekk, a bazi ta' din ix-xhieda, il-Qorti qed issib lil imputat hati ta' din t-tieni akkuza wkoll.

Illi ghalhekk **il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 85 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH PORTELLI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin.**

**Oltre dan, ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tobbliga lil imputat li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jhedditx lil huh Paul Portelli ghal perjodu ta' sitt [6] xhur mill-lum taht penali ta' hamsin lira maltin fin-nuqqas.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------